# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 29 ta' Marzu, 2017**

Kawza Numru: 272/2016 JB

Numru: 1

**Stefan Borg (K.I.: 578777M) u James Borg (K.I.: 98477M) li flimkien jezercitaw il-kummerc taht l-isem "A1 Installations & Repairs"**

***vs***

**Sapmac Limited (C33369)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-21 ta' Lulju 2016 fejn l-Atturi talbu li s-Socjeta' Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf sitt mija u tlieta u ghoxrin euro u tlieta u disghin centezmu (€1623.93) rapprezentanti xoghlijiet ta' elettriku u *plumbing*. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 (a fol 3);

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti (a fol 11, 13, 14, u 17), is-Socjeta' Konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deher hadd f'isimha ghas-smiegh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*”.  Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b’mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, l-Atturi irnexxielhom jipprovaw it-talba fil-waqt li s-Socjeta’ Konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta’ Konvenuta thallas lill-Atturi s-somma ta’ €1623.93 bl-imghax mid-data tan-notifika tal-kawza.  Spejjez a karigu tas-Socjeta’ Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*